

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tat-12 ta' April 2018 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni għas-sena 2018 (SRB/ES/SRF/2018/03) ("Decision of the Single Resolution Board of 12 April 2018 on the calculation of the 2018 *ex ante* contributions to the Single Resolution Fund (SRB/ES/SRF/2018/03)"), inkluż l-anness tagħha, f'kull każ sa fejn id-deċiżjoni kkontestata, inkluż l-anness tagħha, tikkonċerna l-kontribuzzjoni li għandha titħallas mir-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. Ksur tar-reqwiziti formali essenzjali minħabba notifika inkompleta tad-deċiżjoni kkontestata.
2. Ksur tar-reqwiziti formali essenzjali minħabba nuqqas ta' motivazzjoni suffiċjenti fid-deċiżjoni kkontestata.
3. Ksur tar-reqwiziti formali essenzjali minħabba assenza ta' smiġh u nuqqas ta' osservanza tad-dritt għal smiġh f'qorti.
4. Illegalità tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 ⁽¹⁾ bħala bażi legali għad-deċiżjoni kkontestata.

Fil-kuntest tar-raba' motiv, ir-rikorrenti ssostni li l-Artikoli 4 sa 7 u 9, kif ukoll l-Anness I, tar-Regolament ta' Delega 2015/63 — dispożizzjonijiet li jiffurmaw il-bażi għad-deċiżjoni kkontestata — joħlqu sistema opaka għall-istabbiliment ta' kontribuzzjonijiet, li tmur kontra l-Artikoli 16, 17 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u li fiha l-konformità mal-Artikoli 20 u 21 tal-Karta u l-osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali ma humiex żgurati.

⁽¹⁾ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44).

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2018 – Puma vs EUIPO – Carrefour (Rappreżentazzjoni ta' linji msallba)

(Kawża T-424/18)

(2018/C 301/58)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Puma SE (Herzogenaurach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Trieb u M. Schunke, lawyers)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Carrefour SA (Boulogne Billancourt, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li Applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva (Rappreżentazzjoni ta' linji msallba) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 572 697

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Mejju 2018 fil-Każ R 945/2017-2

Talbiet

Ir-rikorreni jitlob/titlob/jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk esposti quddiem il-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Parlament u l-Kunsill Nru 2017/1001;

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Lulju 2018 – Geske vs EUIPO (SATISFYERMEN)

(Kawża T-427/18)

(2018/C 301/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: André Geske (Lübbecke, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Albrecht, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "SATISFYERMEN" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 886 541

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Mejju 2018 fil-Każ R 2603/2017-1

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk esposti matul il-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009.
-